# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1926

## IT-TIENI SENA

B'dan il-għadd, il-*Malti* dieħel fit-tieni sena. Jekk żammejniex kelmtna f'dak li wegħdniekom, sewwa għax-xeħta u sewwa għal-lewn tal-ktib tiegħu, igħiduh il-qarrejja, li, f'ħajjiet Alla, għal-kemm imfixklin minn bosta, dejjem kotru u għoddhom waslu biex iġagħluna jew inkabbru l-ktieb jew noħorġuh kull xahrejn, jekk mhux ukoll kull xahar. Biex ma nogħtrux fiż-żrar li wħud sikwit jitfgħulna f'riġlejna, jagħmlulna l-qalb il-Għorrief ta' Barra, dawk li jafu tassew xi jrodd il-Malti, għax meddew għonqhom fuqu u flewh minn għerqu bid-dawl ta' l-ilsna l-oħra ta' l-Orjent--kittieba u għal-liema ta' kull art, saħansitra ingliżi, imma l-aktar taljani.

Sbejħa din! Waqt li f'dan il-għadd—kif taqraw il-quddiem—ħames kittieba minn l-aħjâr, li jafu b'ħafna ilsna oħra u kitbu kotba sħaħ fuq in-nisel tal-Malti, ma jaqblux bejniethom fuq mnejn hi ġejja l-kelma *ħal* (ta' Ħal-Qormi, Ħal-Muxi, Ħal-Sâfi). u juru r-reqqa kollha ta' tiftix kbir, li, għal-kemm tawlu wisq, ma tatniex qalbna ma nagħmlulhomx il-wisa', inbagħad tisma' nies li qatt ma fetħu ktieb bil-Malti, jekk ukoll ma ftaħrux li ma jafux jaqrawh u li jdardarhom, iridu iġagħluna nemmnu li huma mexjin fit-triq it-tajba u li aħna lwejna għat-triq il-ħażina. Misħuta Pulîtka, li tqegħdilhom f'għajnejhom żġieġ aħdar, mita mhux

iswed għal-kollox ! Imm'aħna għidnilhom, minn l-ewwel dehra tagħna, li l-Pulîtka ma għandhiex x'taqsam magħna ; u dak li nwegħdu aħna, ma nwegħduhx biċ-ċajt jew bil-qerq ! Aħna nqimu l-fehma ta' kull-ħadd, bla ma nibdlu tagħna; u, jekk naħdmu, bħalma ħdimna dejjem, għat-tagħlim u għat-tixrid tal-Malti, naħdmu b'qalbna sâfja għal kull maħluq u bil-ħsieb imqaddes li nifthu l-għajnejn magħluqa. Inħobbu t-Taljan, li nixtiquh mgħallem sewwa; u nħobbu l-Ingliż, għax nafu li jiswielna ; imma fuq kollox inħobbu l-Malti, li hu l-lsien tal-kotra tal-Maltin u kif niftiehmu bih ma niftiehmu b'ebda lsien ieħor.

# FRÂK

(Biex ma jintilefx)

## 1. IL-KNISJA.

Fuq il-ħerba tal-ġnus u tal-ġrajja
Inti, xbejba li qatt ma tixjieħ,
Tgħaddi tidħak, mimlija bil-ħajja,
Fuq l-egħdewwa b'għarqubek tistrieħ.

## 2. KELMA KIENET!

(Lil wieħed għajjur)

Fejn hu għaqlek, ja msejken ? x'int thewden ?
X'inti ttalla' u tniżżel għal xejn?
Kelma kienet ; għalfejn int tistaqsi
Dan il-leħen li nsama' minn fejn ?

Mat-tvenvina taż-żiffa li ġġibha
Tmut il-qawwa ħaffiefa tal-kliem;
Ma' intix għaqli jekk kelma li tgħaddi
Minn ġo qalbek tisraqlek is-sliem.

**D. K.**